# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Yasmin Lewis

Il-Qorti

Illum 3 ta' Gunju, 2024

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Yasmin Lewis, imwielda fil-23/10/1993, ID 0481693M u toqghod 120, Triq Salvu Psaila, Birkirkara akkuzata talli fit-30 ta' Ottubru, 2020 ghall-habta ta' 10.00 am fi Triq il-Pont, Mosta soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni DCH 286;

1. Minghajr ma kont kopert b'polqa ta' sigurta dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 3(1) tal-Kap 104 u L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazlet li ma tixhidx.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti kollha ezibiti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

**WPS 148 D Camilleri** xehdet permezz ta' affidavit dwar l-involviment taghha f'dan il-kaz.

Stephem Cachia dapparti ta' Transpot Malta xehed permezz ta` affidavit dwar il-vettura DCH 286.

**Jane Meilaq,** xehdet hekk

Pros: Sinjura mela inti jekk jogħġbok irrappurtajt xi ħaġa lill Pulizija?

Xhud: Jiena kont f'açċident.

Pros: Meta u fejn jekk jogħġbok?

Xhud: Il-Mosta ħdejn il-wiċċ tal-Mosta on the 30th October 2020 u ġiet il-pulizija hemmhekk ovvjament.

Pros: Bejn wieħed ieħor fi x'ħin kien?

Xhud: Tgħid 9.30, 10:00.

Pros: U l-pulizija xraw spjegalna x'raw il-pulizija fejn ċempiltilhom inti?

Xhud: Nies propjament ċemplu mhux jiena, jiena kont qiegħda fil-karozza tiegħi mid-direzzjoni Mosta sejra lejn in-naħa taA triq ta' alla u ommu ftit qabel ma wasal ħdejn il-bridge, jiġifieri jien ma kont se ngħaddi minn fuq il-bridge ħa nibqa' sejra fl-istess direzzjoni, karozza daħlet ġo fija li ġiet kienet ġejja kontra tiegħi kienet fuq in-naħa l-oħra tat-triq u ġiet u qasmitli ġiet biex taqsamli għax ma laħqitx qasmitli għax.

Qorti: Inti kif qassmet biex tmur ġo triq side road qed tgħidli sinjur jekk qed nifhmek sew?

Xhud: Ehe għax il-bridge jigi side road jien kont fuq triq prinċipali anke hi kienet fuq triq prinċipali pero hi riedet taqsam mhux jiena u x' kont se ngħidlek jien kont għaddejja u meta ġiet biex taqsam jien ma bsartx li ħa taqsamli għax kieku kont tieqaf laqtitni u spinjatni u

spiċċajt fuq il-bridge nħares direzzjoni kontra I mean jekk jien ridt immur l`hemm ġejt inħares kontra l-fejn irrid immur jiġifieri spinjajt.

Pros: Dil-karozza jekk jogħġbok tiftakar forsi x`ghamla kienet jew nu number plate l-oħra?

Xhud: Naf li kienet żgħira u bajda mhux se niftakar jien kont under xogħol.

Pros: Issa tiftakar min kien qed isuqha l-karozza?

Xhud: Iva niftakar. Persuna li qiegħda fil-Qorti hawnhekk.

Qorti: Ix-xhud indikat lil imputat.

Xhud: U ggib l-isem ta` Yasmin. Għax kif ħarġet mil- karozza ġiet tiġri imma l-aççident l-adrenalina ippumpjat tagħha jien kont għadni under xokk. U ġiet tiġri ħdejja u qaltli you kept coming you kept up coming fis-sens main road.

Pros: No further questions.

Qorti: Kontro Ezami?

Avu: Le sinjura.

**<u>Dr. Carmelo Galea,</u>** xehed hekk

Xhud: Mela qiegħed nixhed ir-rappreżentanza ta' Thomas Smith Insurance Agents Limited li hija agents ta` Gasan Mamo Insurance Limited u dina fuq din il-vettura kien hemm polza ta' assigurazzjoni qed nippreżenta hawnhekk iċ-ċertifikat ta' l-assigurazzjoni.

Pros: Għandi mistoqsija jekk jogħġbok fit-30 t' Ottubru. 2020 din il-vettura kienet qed tikkaverja lil Yasmin Lewis?

Xhud: Ha nispjega Issa l -niku problema li kien hemm huwa illi din il polza tkopri l vettura pero mill-informazzjoni li għandna aħna Ms. Lewis xtrat il-vettura mingħand l-assigurat tagħna mingħajr ma nfurmat li l-insurance u allura hemm l-exclusion clause. pero għal-finijiet ta' chapter 104 aħna nkunu obbligati li nagħmlu tajjeb għad-danni tat- terzi imbagħad ikollna dritt ta' rivalsa.

Pros: Mhux ghal-kap 104?

Qorti: Spjegalek is-sitwazzjoni hemm exclusion clause peress li hi xtrat il-karozza mingħand le l insured u ma nfurmathomx allura ma setgux id-dritt li jgħidu li ma ammridx ninxurjawha mhux dik l-storja?

Xhud: Ezatt.

Qorti: Allura minħabba f'hekk hemm huma ċivilment żgur ma jħobbx ma jkopruwhiex dak il-mument issa imma minħabba, Mhux ċivilment skużawni ex contractu imma minħabba il-104 they cover her.

Avu: Eżatt eżatt dak li kont ħa nistaqsih, jiġifieri biex niċċarawha.

**<u>Mijo Poulose,</u>** xehed bil-lingwa ingliza

Pros: Mijo were you with your boss and you saw an incident what happened?

Wit: We are waiting on the Stop Sign and blue car is,

Pros: Where Mijo?

Wit: The bridge.

Pros: Locality please?

Wit: The locality Mosta.

Pros: Your boss was driving?

Wit: Yes my boss was driving the van … …

Ma nistax nifhmu???

Pros: Do you remember the persons that were driving the cars?

Wit: Yes I remember.

Court: Are they in this room?

Wit: The white car is driving to,

Pros: What is she wearing the one who drove the white car?

Wit: She come into the left,

Court: She`s wearing in the white shirt? She`s with the striped white shirt the one with the white car?

Wit: Yes.

Court: Mela ix-xhud indika lil Yasmin Lewis, and the other person is in this room the other car driver?

Wit: The blue car.

Wit: Ix-xhud indika lil Jane Meilak.

Pros: No further questions.

**<u>Clayton Zammit,</u>**xehed hekk

Pros: Kont involut f`xi incident inti?

Xhud: Ahna konna qeghdin fuq Stop Sign.

Pros: Ahna min?

Xhud: Jiena u bniedem jahdem mieghi.

Pros: X`jismu?

Xhud: Mijo Poulose.

Qorti: Min kien qed isuq?

Xhud: Jiena.

Qorti: U x`gara? Meta u fejn?

Xhud: Jekk jidhrili sew kien il-Gimgha jekk jidhirli sew data ezattma niftakarx ta.

Qorti: Is-sena, ix-xahar?

Xhud: Is-sena 2020 jekk jidhirli sew.

Qorti: ix-xahar ghandek idea?

Xhud: Ix-xahar Ottubru jew Novembru.

Qorti: Orajt, fejn?

Xhud: Il-Mosta fuq il-pont.

Qorti: Fuq il-pont ta` hdejn Casa Arkati igifieri hemmekk?

Xhud: Le l-pont l-iehor.

Qorti: Li jigi fejn ghax m`ghandix idea?

Xhud: Fejn il-LIDL qisek sejjer lejn in-Naxxar il-LIDL tal-Mosta in-naha ta` wara qisek sejjer lejn in-Naxxar hemm pont hemm.

Qorti: Hemm pont hemm? Ok m`ghandix idea imma imsomma sal-LIDL naslu il-bqija ma nafx fejn hemm ta` l-armata hemmekk x`imkien l`hemm?

Xhud: Ezatt, m`hawnx ghalik, ahna konna qeghdin l-istore ovvjament konna sejrin il-hanut is-Savewise il-Mosta waqt li konna fuq il-pont konna qeghdin nistennew,

Qorti: Fuq xi Stop Sign ghadtli?

Xhud: Fuq Stop Sign iva.

Qorti: Ehe, u x`gara?

Xhud: Waqt li konna qeghdin konna qeghdin nistennew kien hemm karozza bajda faccata taghna u kien hemm ohra gejja minn naha l-ohra waqt li kienet gejja,

Qorti: In-naha l-ohra xi hadd kien gej minn xi hadd iehor kellu Stop Sign apparti int?

Xhud: Le jiena kont fuq Stop Sign.

Qorti: L-ohrajn kienu faccata ta` xulxin?

Xhud: Wahda kienet gejja minn naha ta` fuq u l-ohra kienet gejja minn naha tal-Mosta.

Qorti: Faccata ta` xulxin igifieri?

Xhud: Wahda fuq lane u,

Qorti: U int fuq Stop Sign qed tara quddiemek?

Xhud: U jien kelli Stop Sign ezatt.

Qorti: U qed tara quddiemek x`qed jigri? X`gara?

Xhud: Dil-karozza il-bajda li kienet gejja minn naha ta` fuq tan-Naxxar jew sejhilha li trid minn dik in-naha kienet qeghda faccata tieghi u l-ohra li kienet gejja minn naha tal-Mosta xeghlet l-indicator biex iddur fuq ix-xellug il-bajda qassmet u kklaxxjaw fuq xulxin u wahda minnhom dahhlet go fijja.

Qorti: Igifieri xi hadd kien gej ghal fejn kont hiereg int biex nifthemu?

Xhud: In-naha l-ohra ovvjament mhux fejn kont jiena.

Qorti: Is-side road faccata ukoll kien hemm side road faccata ghax jien m`ghandix sketch hux Spett?

Xhud: Ovvjament jien saritli l-hsara kont qieghed fuq Stop Sign.

Qorti: Inti min inti qed taraf il xi hadd hawnekk?

Xhud: Ijja mela it-tnejn li huma narafhom.

Qorti: It-tnejn li huma mela ha nibdew min kien gej minn naha tan-Naxxar min minnhom?

Xhud: Issa skond minn fejn tifimha minn naha tan-Naxxar ghax in-naha tan-Naxxar hemm minn fejn l-Scotts jew minn naha l-ohra.

Qorti: Le hu pacenzja inti ghedtli wahda gejja minn naha u l-ohra minn naha tan-Naxxar?

Xhud: Minn naha tan-Naxxar ta` wara sewwa biex nifthemu.

Qorti: Mela min kien gej mil-liema naha minnhom?

Xhud: Dik is-sinjura kienet gejja minn naha tal-Mosta,

Qorti: Dik is-sinjura liem wahda? Dik tal-libsa hadra?

Xhud: Dik li qed tgholli idejha,

Qorti: Li kienet gejja minn naha tal-Mosta?

Xhud: Ezatt.

Qorti: Minn naha tal-LIDL igifieri piu o meno? Jiena ma nafx fuq xiex qed nitkellmu frankament Ma nafx bla sketch, ritratti ghandna xi haga?

Pros: Lanqas m`hemmx.

Qorti: Mela dawn gejjin kontra xulxin?

Xhud: Ara jiena kont fuq il-pont issa fuq il-pont faccata hawn triq il-fuq u triq l-isfel hekk u jiena qieghed fuq Stop Sign kien hawn sinjura li hija dik kienet gejja minn naha t`hawnekk u n-naha l-ohra,

Qorti: U min qasam? Min kellu l-vlegga li ha jdur?

Xhud: Dik is-sinjura.

Qorti: U daret jew ma daritx?

Xhud: Emminni jien kont qed nistenna faccata u f`daqqa wahda narahom dahhlu go xulxin u wahda minnhom dahhlet go fijja, jien kont fuq Stop Sign dak il-hin.

Qorti: Igifieri ezattament kif spiccaw fuqek ma tafx igifieri?

Xhud: Head on wahda minnhom spiccat go fijja u l-ohra spiccat fuq il-lane l-ohra.

Qorti: Imma jekk din, din gejja hawn u din gejja hawn u din ha ddur ghal-hawn jew ha ddur ghal-hawn?

Xhud: Wahda gejja l`hawn wahda gejja minn hawn u wahda gejja minn hawn sewwa din kienet qed tistenna hawnekk u din xeghlet l-indicator biex iddur l`hawn.

Qorti: Iddur lejk igifieri?

Xhud: Ehe fuq il-lane l-ohra ovvjament mhux ha ddur fuqi uu.

Qorti: Le ovvja.

Xhud: Issa din x`hin ha ddur ezatt din qassmet gew haed on,

Qorti: Din giet, l-ohra daret ukoll igifieri?

Xhud: Ehe il-karozza l-bajda li kienet faccata daret u dik daret ukoll issa,

Qorti: It-tnejn daru igifieri?

Xhud: Gew head on wahda minnhom baqet diehal go fija.

Qorti: Igifieri il-bajda dahhlet dahhlet gol-lane ta` l-ohra tigi?

Xhud: Il-bajda dahhlet go fija umbaghad peress li gew head on.

Qorti: Din qassmet quddiem din allura qassmet ghal-quddiemha jew le?

Xhud: Jekk tifihma hekk uu.

Qorti: Le kif trid tifhimha jew inkella mhu qed nifhem xejn jien jew hekk jew le,

Pros; X`tiftakar li gara?

Xhud: Ijja ijja wahda kienet faccata il-karozza l-bajda l-ohra kienet gejja minn din in-naha kienet ha ddur l`hawn l-ohra qassmet gew head on gew head on wahda minnhom giet fuqi.

Qorti: Min qasam? Il-karozza l-ohra mhux tal-hadra l-ohra?

Xhud: Il-karozza l-bajda kienet faccata qassmet.

Qorti: Jien qe nifhem li is-sinjura l-ohra kienet li qassmet?

Xhud: Ezatt dik li kellha l-karozza l-bajda.

Qorti: Ehe orajt, li hi Yasmin Lewis le hux Yasmin lewis sinjura? Ok x`iktar?

Pros: Inti garrabt?

Xhud: Ijja ghandi l-hsarat hawnekk.

Pros: U weggajt inti?

Xhud: Le jien le.#

Pros: Xejn iktar.

**<u>Dr. Branko Magazinovic,</u>** xehed bil-lingwa Ingliza

Court: So regarding who did he examine?

Wit: I examined Miss. Lewis Yasmin in Mater dei Hospital during the fracture clinic which I was running on the $30^{th}$ November 2020.

Court: 30 th November?

Wit: Yes.

Pros: Are you sure of that date sir?

Wit: I wrote it there I`m not sure but I wrote it with my handwriting because fracture clinic is next the step after the injuries so first they see in the casualty and then come to follow up to fracture clinic.

Pros: And what are the injuries?

Wit: Injuries she broke at that time right collar bone.

Pros: Slight the nature of the injuries?

Wit: I`ts grievous.

Adv: Just to confirm what was the date on which you saw?

Wit: I saw her because first they come to casualty and then follow up in our fracture clinic it is the regular procedure.

Court: But do they come to see you that day that they crash?

Wit: No no usually after 1 to 2 weeks.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta mix-xhieda ta` Dr Carmelo Galea li l-imputat.

kienet koperta minn polza ta assikurazzjoni ai termini tal-Kap 104 u isegwi li l-imputazzjoni ma tirrizultax.

**Decide**

Rat l-artikoli 3(1) tal-Kap 104 u L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta u ghal dawn il-motivi ma ssibx lil Yasmin Lewis hatja tal-imputazzjoni dedotta kontriha u tilliberha minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**